MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 345/2008/2

**Mark Bugeja, Martin Borg Bonello Cole, Austin Demajo u Joseph Pullicino f'isimhom proprju u fl-isem u l-interess tad-ditta Grant Thornton**

**vs**

**Geoffrey Camilleri**

Il-Qorti

Dan hu rikors ta' ritrattazzjoni presentat minn Mark Bugeja et pro et nomine fejn l-imsemmija atturi ritrattandi qed jitolbu sabiex ai termini tal-artikoli 811(e) (g) u (i) tigi mhassra u revokata s-sentenza moghtija minn dina l-Qorti (diversament presjeduta) fil-kawza fl-istess ismijiet premessi tad-29 ta' Marzu 2012 u li jigi ordnat li l-istess kawza tigi ritrattata.

Rat li f'dan ir-rikors gie premess li –

*"bl-Avviz taghhom l-atturi ppremettew illi l-Qorti adita tikkundanna lil-konvenut ihallashom is-somma ta' erbat elef sitt mija tmienja u hamsin ewro u hamsa u sebghin centezmu (Ewro 4658.75 skond kif stipulat fl-artikolu 7.5 tal-kuntratt ta'impjieg datat 8 ta' Awissu 2005;*

*Illi bir-risposta minnhu ipprezentata l-konvenut eccepixxa inter alia s-segwenti:-*

*1. Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma kiser l-ebda kundizzjoni tal-kuntratt.*

*2. Fit-tieni lok il-kundizzjoni li fuqha qed tinbena din il-kawza qatt ma kellha l-iskop jew kienet l-intenzjoni tal-partijiet li l-esponenti ma jahdimx ghal zmien sentejn;*

*3. Illi l-posizzjoni tieghu mal-kumpanija attrici kienet dik ta' senior auditor u l-awdituri effettivament m'ghandhomx rapport ta' service provider u klijent stante li n-natura ta' auditor hija assolutament indipendenti mill-persuna li tinkariga li jsir audit fl-interess tal-komunita' u l-veracita' tal-accounts.*

*Illi fis-sentenza taghha tat-22 ta' Frar 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabet illi l-konvenut kien effettivament impjega ruhu ma' klijent tal-azjenda attrici u konsegwentement kiser l-obbligazzjoni li huwa kien assuma bil-kuntratt ta' impjieg. Konsegwentement, ghaddiet biex tilqa' t-talba tal-azjenda attrici u ikkundannat lil-konvenut ihallas is-somma reklamata;*

*Illi fuq appell intavolat mill-konvenut l-Qorti ta' l-Appell, sede Inferjuri, bis-sentenza taghha tad-29 ta' Marzu, 2012 laqghet l-gravam lilha sottopost illi l-klawsola kontrattwali hija kontra public policy ghaliex irrestringiet l-impjieg tal-istess konvenut wara t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' attrici, assoggettatu ghal-penali meta l-istess imposizzjoni ma kienetx approvata a priori mid-Direttur tax-Xoghol kif irid l-artikolu 19 tal-Kap. 452;*

*Illi, apparti l-konsiderazzjoni illi l-kunjom tal-attur Martin Bonello Cole hu riportat zbaljatament fl-okkju tad-decizjoni*

*pronunzjata mill-Qorti ta’ l-Appell, l-atturi, fil-kwalita taghhom premessa, qeghdin jitolbu s-smigh mill-gdid tal-kawza deciza minn dina l-Qorti, u dan a tenur tal-artikolu 811 (e), (g) u (l) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*Illi l-fatti rilevanti sehhew hekk. Il-konvenut kien impjegat mas-socjeta’ attrici bhala Senior Auditor skond kuntratt ta’ impjieg datat 8 ta’ Awissu, 2005. Irrizulta mill-provi illi f’din il-veste l-konvenut ippartecipa fl-audit li sar fuq ix-xoghol tal-MFSA, klijenta tas-socjeta’ attrici. Huwa ammess sahansitra mill-istess konvenut illi wara li temm l-impjieg minn mas-socjeta attrici huwa beda jahdem mal-MFSA fis-16 ta’ April, 2008. Is-socjeta’ attrici dehrilha illi l-konvenut kien kiser il-patt stipulat f’para 7.5 tal-kuntratt ta’ ftehim li jghid illi “The employee cannot take up employment, for a minimum period of two years after date of termination of employment with the Firm, with any person, firm or company who for two years prior to the termination of this Agreement were clients of the Firm. In such case the parties agree that the Employees will pay the Firm by way of agreed damages the sum of two thousand Maltese Liri (Lm2000)”. Is-socjeta’ attrici allegat ksur da parti tal-konvenut ta’ din il-klawsola u ghaddiet biex interpellatu, u anke azzjonatu, ghall-hlas tas-somma indikata.*

*L-ewwel raguni mressqa ghat-thassir tas-sentenza hija illi s-sentenza applikat il-ligi hazin. Dwar l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-para (e) tal-artikolu 811 tal-Kodici ta’ Procedura jipprovdi illi “jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta’ ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni”.*

*L-esponenti umilment jissottomettu illi s-sentenza impunjata minnhom applikat il-ligi hazina ghall-kaz specifiku li kellha quddiemha. Manifestament, l-artikolu 19 tal-Kap 452 ma’ liema appiljat ruhha l-Qorti ta’ l-Appell, sede Inferjuri, ma japplikax ghall-fattispeci tal-kaz de quo.*

*Il-konsiderazzjonijiet ghal din l-affermazzjoni qeghdin jigu mill-esponenti suddivizi fis-sens infraskritt:-*

*(i) Ibda biex il-klawsola 7.5 tal-kuntratt ta' impjieg tal-konvenut ritrattat ma titrattax minn "fine or fines" fit-termini tal-precitat artikolu tal-ligi adoperat mill-Qorti imma minn "agreed damages" pre-likwidati. Barra minn dan, fir-realta' ma gie dedott qatt xejn mis-salarju tal-konvenut, u, allura, anke minn dan il-punto di vista l-art. 19 tal-Kap surreferit ma jsib l-ebda applikabilita'.*

*(ii) Il-fattispeci tal-kaz in disamina huwa ghal kollox distinti minn dak tad-decizjoni fl-ismijiet "Attilio Vassallo Cesareo -vs- Anthony Cilia Pisani", Prim'Awla, (PS) tal-31 ta' Jannar, 2003, fuq liema strahet il-Qorti ta' l-Appell. Paragun anke superficjali bejn iz-zewg klawsoli ghandu juri illi d-divergenzi huma ben markati. F'dik il-kawza l-ohra l-klawsola kontrattwali kienet tispecifika expressis "a penalty", u kellha applikabilita' sew fil-kors tal-impjieg kif ukoll wara t-terminazzjoni tieghu, sa' perijodu ta' hames (5) snin, f'kaz li l-impjegat "either solely or jointly", "directly or indirectly", "carry on or be engaged in the same line of business in which the Company is engaged or divulge any secrets entrusted to him". Mhux hekk fil-kaz in ezami. Hawnhekk, ir-restrizzjoni hi wahda limitatissima. In effetti, l-iskattar tal-preliquidated damages isehh biss wara t-terminazzjoni tal-impjieg jekk l-impjegat fi zmien sentejn (2) jimpjega ruhu "with any person, firm or Company who for two years prior to the termination of this Agreement were clients of the firm".*

*(iii) Dottrinalment, skond l-awtur l-aktar akkreditat f''materja ta' ligi dwar l-impjiegi, Norman Selwyn ("Law of Employment". 15$^{th}$ Edition, Oxford University Press, 2008), "there are four legitimate interests in respect of which the employer is entitled to limited protection, namely (a) trade secrets and confidential information, (b) existing customers and connections, (c) working for competitors, and (d) enticing existing employees". (para 19.24). Valevoli bosta, imbaghad, li jigi rilevat fil-kaz in ispecje illi l-klawsola kontrattwali surreferita mhiex biss ma tistax titqies wahda kapriccjuza jew illegittima izda,*

*addirittura, hi riflessjoni akkurata ta' dak mahsub fil-Kodici tal-Etika, dwar liema xehed Mark Bugeja u ipproduca estratti minnu fl-atti tal-kawza. L-imsemmi Kodici ta' Etika, promulgat mill-Accountancy Board skond l-Att Dwar il-Professjoni ta' L-Accountancy (Kap. 281 tal-Ligijiet), rez applikabbli ghall-impjegati kollha tal-atturi, jipprovdi espressament ghal certi restrizzjonijiet; inter alia, il-kaz ta' "employment with assurance clients". Proprju, l-klawsola de quo agitur ma titbieghedx minn din il-meta u, anzi, hi in sintonija ma' dak prevvist fl-istess Kodici ta' Etika.*

*(iv) Gjaladarba l-klawsola appattwita ma kienetx wahda "in restraint of trade", u gjaladarba wkoll s-sanzjoni imposta m'ghandiex minn natura ta' "fine" a norma tal-artikolu 19 succitat tal-Kap. 452, ghandu jsegwi illi l-Qorti applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz.*

*(v) Logikament, anke biex ikun sodisfatt id-dispost tal-artikolu 816 tal-Kap. 12, l-esponenti umilment jissottomettu illi l-ligi li kien messha giet applikata hija dik statwita fl-artikolu 992 tal-Kodici Civili. Jigifieri, kif ritenut, "il-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta" tal-kontraenti kif espressa li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda" ("Grace Spiteri -vs- Carmel Camilleri et", Prim'Awla, 30 ta' Mejju, 2002; "Onor. Edgar Cuschieri noe -vs- Perit Gustavo R. Vincenti", App. Civ., 13 ta' Frar, 1950.)*

*Ilment iehor tal-esponenti hu li s-sentenza attakkata hija wahda ultra petita skond il-paragrafu (g) tal-artikolu 811.*

*Taht dan il-profil l-esponenti jibdew biex jippremettu l-principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Mhux dan biss pero', ghaliex hu anzi vjetat lilu li jitratta u jirrisolvi kwistjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu. Ara "Cacciottolo utrinque", App. Civ., 30 ta' Gunju 1976; "John Micallef noe -vs- Jeffrey Mizzi", Appell, 24 ta' Frar, 2012.*

*In linea ta' principju jinsab profess illi jinkorri f'vizzju ta' ultra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre il-limiti tal-pretensjoni jew ta' l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estraneja ghall-oggett tal-gudizzju. ("Michael Marletta -vs- Alexander Charles Bugeja", App. Inf., 24 ta' April, 2009). F'qaghda bhal din, l-esponenti jaffermaw illi dina l-Onorabbli Qorti jenhtiegilha tmur ghall-origini ta' kif bdiet l-istanza u cjoe ghall-Avviz intavolat u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut.*

*Fil-kuntest, ma jistghax ma jigix notat illi minn imkien mir-risposta formali tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-konvenut qajjem b'difiza l-punt illi l-klawsola kontrattwali "de qua" kienet tmur kontra l-artikolu 19 tal-Kap. 452 u lanqas li kienet nulla ghaliex "in restraint of trade". Dan tant hu hekk illi l-Ewwel Qorti ma okkupatx ruhha minn dawn l-aspetti. Dan huwa sahansitra rikonoxxut mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza attakkata. Izda, imbaghad, din il-Qorti sorprendentement xorta wahda ghaddiet biex tistharreg t-tematika mill-ottika tal-art. 19 tal-Kap. 452 u waslet biex irriteniet illi l-klawsola kontrattwali kienet taqa' fil-parametri tal-ligi specjali imsemmija ghaliex kellha bzonn l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol u kienet illecita u kontra public policy u konsiderata in restraint of trade. Issa apparti dak rilevat mill-esponenti aktar 'il fuq fil-kunsiderazzjoni tar-raguni taht para (e) tal-artikolu 811, huwa evidentissimu illi l-Qorti ta' l-Appell ikkonsidrat aggravju "noviter deductus" f'cirkustanzi li, kif hi innifisha irrikonoxxiet, la gie allegat u wisq anqas definit fl-ewwel grad tal-kawza. B'hekk gie li ippermettiet tema gdida ta' indagini u ta' decizjoni li alterat l-oggett sostanzjali tat-termini tal-kontroversja quddiem l-ewwel tribunal. Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell in re: "Emilia Rizzo Marich -vs- Carmelo Podesta'", 1 ta' Dicembru, 1958, "Lex non est ita intelligenda ut facile fraudare possit et ludibria est".*

*Fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti jirribattu illi s-sentenza impunjata inkorriet f'vizzju ta' ultra petizzjoni u konsegwentement l-istess ghandha tithassar anke ghal din ir-raguni.*

*Agguntivament, l-esponenti jsostnu wkoll illi s-sentenza attakkata tippekka kontra l-para. (l) tal-artikolu 811 ghaliex "kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti". Biex wiehed jissellef mit-taghlim tal-Mortara (Vol IV, pagna 504) "il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste ed ha fondato la sua convinzione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell'intelletto sulle carte del processo" (citata wkoll fis-sentenza "Gianni Borg -vs- Paul Borg", Appell, 7 ta' April, 1998.)*

*Fil-kaz taghna l-izball materjali ta' fatt li ddetermina d-decizjoni attakkata huwa wiehed manifest. Hekk il-Qorti irragunat illi l-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol ma tirrizultax mill-atti, tant li, imbaghad, fuq din l-osservazzjoni akkampat il-parti konsiderativa tas-sentenza. Jikkonsegwi illi l-Qorti ta' l-Appell ghamlet deduzzjoni gratuwita li ma kienetx intitolata taghmel, anke ghaliex, kif ex abundantia cautelae ikkonstatat mill-atti in prim'istanza, la qatt ma tqajjmet l-eccezzjoni, ma ngiebu ebda provi in meritu ghal dak li jrid l-art. 19 tal-Kap. 452, kieku stess gratia argomenti dan kien applikabbli. L-esponenti umilment jissottolinejaw, fuq l-insenjament tal-Galdi, illi "il giudice ha il debito di giudicare secundum allegata et probata e percio' l'errore gli e' imputabile e vizia la sentenza quando risulta dagli atti che gli sono stati presentati" ("Cassar -vs- Azzopardi", Appell Inf., 29 ta' April, 1996.). Il-prova ta' fatt dwar l-awtorizzazzjoni o meno tad-Direttur tax-Xoghol ma tezisti minn imkien mill-materjal probatorju u ghaldaqstant il-verita' ta' dan il-fatt hi indubbjament eskluza, bil-konsegwenza li ma kelliex issib postha fis-sentenza attakkata. Ukoll in raguni ghal din il-konsiderazzjoni s-sentenza attakkata ghandha tigi dikjarata bhala vizzjata."*

Rat li l-Qorti tal-Magistrati b'sentenza tat-22 ta' Frar, 2011 dejjem fil-kawza fl-istess ismijiet premessi kienet iddecidiet il-kawza relattiva billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi laqghet t-talbiet attrici b'dan illi kkundannat lill-konvenut ihallas lill-atturi dik is-somma msemmija fir-rikors promotur u cioe' fl-ammont ta' erbat elef, sitt mija, tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centesmu

(€4658.75) ekwivalenti ghal elfejn lira Maltin (LM2,000). Spejjez kontra l-konvenut. Il-Qorti inoltre ordnat li l-imghax kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

Rat li sussegwentement din il-Qorti (diversament presjeduta) b’sentenza tad-29 ta' Marzu, 2012 iddisponiet mill-appell interpost mill-atturi billi filwaqt li cahdet ir-risposta tad-ditta appellata, laqghat l-appell interpost mill-konvenut appellanti u hassret u rrevokat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-imsemmija decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta’ Frar 2011 u minflok cahdet it-talba attrici kif dedotta fl-avviz peress li hi nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet moghtija fl-istess sentenza. Il-Qorti inoltre ddeciedit li minhabba c-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

It-talba tal-atturi ritrattandi tirreferi ghal din is-sentenza tad-29 ta’ Marzu 2012.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti tal-proceduri kemm dawk quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll dawk quddiem din il-Qorti pero’ diversament presjeduta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghat it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Rat li l-kawza giet differitra sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

**Talba ta’ ritrattazzjoni**

Il-presenti hi talba biex kawza, li giet decciza kemm mill-ewwel Qorti kif ukoll fl-appell, tigi ritrattata. Kif jirreflettu t-talbiet tar-ritrattandi azzjoni bhal din hi diviza fi tnejn.
L-ewwel irid jigi deciz jekk ir-ragunijiet li taw ir-ritrattandi sabiex is-sentenza ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tigi mhassra jinkwadrawx ruhhom fil-provedimenti tal-

artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk azzjoni bhal din in ezami ghandha zewg ghanijiet cioe' l-ewwel ghan hu dak li tigi mhassra sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u sussegwentement, u fit-tieni lok, li terga tinfetah t-trattazzjoni tal-kawza biex tinghata sentenza mill-gdid. Issegwi ghallhekk li il-gudizzju tar-ritrattazzjoni hu kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor mgharrufin fid-dottrina legali bhala 'in rescindente' u 'in rescissorio.' Ghalhekk il-ligi taghna trid u tesigi li qabel xejn ghandha tigi mhassra jew revokata s-sentenza mpunjata billi minghajr dan it-thassir mhux possibili li l-kawza tigi trattata mill-gdid. Huwa biss wara li jkun sar dan li tista' ssir il-trattazzjoni mill-gdid tal-kawza billi sa kemm dak it-thassir ma jkunx sar dik is-sentenza tkun u tibqa ta' ostakolu ghar-riezami tal-kawza (vide Qorti tal-Appell sentenza tal-11 ta' Dicembru 2002 fl-ismijiet 'Gaetano Fenech vs Maria Pisani').

Inoltre li kawza li fiha inghatat sentenza li ghaddiet in gudikat tigi ritrattata hu ritenut bhala rimedju straordinarju u ghalhekk il-ligi tipprovdi permezz tal-imsemmi artikolu 811 tal-Kapitolu 12 il-varji bazijiet fuq liema l-ewwel jista jigi ordnat it-thassir tas-sentenza li ghaddiet in gudikat u sussegwentement tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza. Dawn ghandhom jinghataw interpretazzjoni kemm jista jkun restrittiva u kwindi interpretazzjoni mhux wiesa. Ir-ritrattandi f'dan ir-rigward qed jaghmlu referenza ghas-subartikoli (e) (g) u (i) tal-imsemmi artikolu 811.

Bil-presenti qed tigi deciza t-talba tar-ritrattandi sabiex l-imsemmija sentenza li nghatat minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fid-29 ta' Marzu, 2012 tigi ritrattata. In effett ir-ritrattandi qed jitolbu li prevja r-revoka jew thassir tal-imsemmija sentenza a tenur tas-subinicizi (e) (g) u (i) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici tal-Procedura Civili u dan billi, kif qed jigi allegat mir-ritrattandi, fis-sentenza in kwestjoni giet applikata hazin il-ligi, billi bl-istess sentenza gie moghti aktar milli gie mitlub u billi fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin.

**L-artikolu 811 tal-Kapitolu 12**

L-imsemmija sub-artikoli tal-artikolu 811 jipprovdu testwalment kif gej "(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin; ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikkazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;" u "(g) jekk fis-sentenza jkun gie moghti izjed minn dak li ntalab" u "(i) jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin."

Fir-rikors promotur taghhom ir-ritrattandi jirrilevaw li l-posizzjoni tar-ritratat mad-ditta ritrattandi kienet ta' "senior auditor" u illi awdituri m'ghandhomx rapport ta' "service provider" u "klijent" stante li n-natura ta' awditur hi assolutament indipendenti minn min jaghti l-inkarigu li jsir auditjar tal-kotba. In effett l-inkarigu li jigi moghti lill-awditur hu dak li jivverifika u jikkonferma l-veracita' tal-kotba tan-negozju ta' min qed jaghti l-inkariku. L-awditur jista jikkonkludi li in effett il-kotba ma jirreflettux il-posizzjoni vera tan-negozju in kwestjoni.

**Fatti rilevanti**

Li gara kien li r-ritrattat kien impjegat mad-ditta ritrattandi bhala "senior auditor" skond kuntratt ta' impjieg datat 8 ta' Awissu, 2005. Minhabba din il-kariga tieghu l-konvenut ha parti fl-audittjar tal-MFSA, ditta li kienet klijent tad-ditta ritrattandi. Jidher li wara li r-ritrattat temm l-impjeg tieghu mad-ditta ritrattandi, huwa beda jahdem mal-imsemmijin klijenti tad-ditta ritrattandi. Ghalhekk, skond id-ditta rittrattandi, r-ritrattat kiser dak li gie pattwit mas-socjeta' ritrattandi meta gie miftiehem li "the employee cannot take up employment, for a minimum period of two years after date of termination of employment with the Firm, with any person, firm or company who for two years prior to the termination of this Agreement were clients of the Firm. In such case the parties agree that the Employees will pay

the Firm by way of agreed damages the sum of two thousand Maltese Liri (Lm2000)”. Konsegwentement id-ditta ritrattandi bdiet proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrai (Malta) sabiex ir-ritrattat ihallas l-imsemmija somma minhabba l-allegat ksur tal-ftehim tal-impieg.

**Is-sub-artikolu (e) tal-artikolu 811**

Fir-rigward tal-ewwel sottomissjoni tar-ritrattandi u cioe' li s-sentenza in kwestjoni applikat il-ligi hazin, qed jigi sottomess li fis-sentenza impunjata l-Qorti tal-Appell strahet fuq l-artikolu 19 tal-Kapitolu 452 tal-ligijiet ta' Malta, liema artikolu, skond ir-ritrattandi, ma japplikax ghal dan il-kaz. L-istess artikolu 19 jipprovdi li –

*“19. (1) Sakemm ma jkunx preskritt xort'oħra fi ftehim kollettiv, meta-*
*(a) il-pattijiet ta' kuntratt bil-miktub iffirmat mill-impjegati jew il-pattijiet ta' dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn prinċipal skont l-artikolu 7 jispeċifikaw bir-reqqa l-multa jew multi li l-impjegat jista' jeħel dwar kull għemil jew ommissjoni, u*

*(b) il-pattijiet ta' kuntratt bħal dak jew il-pattijiet ta' kull dikjarazzjoni bħal dik ikunu ġew approvati minn qabel mid-Direttur, il-prinċipal ikun jista' jagħmel dak it-tnaqqis illi jkun awtorizzat b'dak il-kuntratt jew b'dik id-dikjarazzjoni.*

*(2) Minkejja d-disposizzjoni tas-subartikolu (1), meta impjegat jonqos mingħajr kawża ġusta li jagħti lill-prinċipal tiegħu n-numru kollu ta' siegħat ta' xogħol kif ikun marbut bil-kondizzjonijiet ta' xi kuntratt ta' servizz applikabbli għalih il-prinċipal ma għandux iwaħħal lill-impjegat xi multa għal dak it-telf ta' xogħol iżda jista' jnaqqas mit-total tal-paga dovuta lill-impjegat dik il-parti minnha li tikkorrispondi għax-xogħol hekk mitluf.*

*(3) Meta xi multa jew multi jkunu imposti minn persuna jew għaqda ta' persuni, tkun kif tkun imsejħa, awtorizzati biex jagħmlu dak ix-xogħol mill-prinċipal, dik il-persuna jew persuni jkunu responsabbli għall-għemil tagħhom, bla*

*ħsara għar-responsabbiltà tal-prinċipal, daqslikieku kienu l-prinċipal.*

*(4) Sakemm ma jkunx provdut xort'oħra minn xi ftehim kollettiv, meta prinċipal jissospendi impjegat mix-xogħol u waqt il-perjodu ta' sospensjoni ma jħallsux il-paga jew iħallsu anqas mill-paga li l-impjegat ikollu jedd għaliha, l-prinċipal jitqies li jkun għamel tnaqqis mill-pagi tal-impjegat permezz ta' multa ekwivalenti għall-ammont imnaqqas mill-paga."*

Fis-sentenza lamentata din il-Qorti wara li ddikjarat li l-klawsola fil-kuntratt tal-impieg tar-ritrattat kienet cara u ghalhekk m'ghandix tkun soggettata ghall-interpretazzjoni tal-Qorti, ghaddiet biex tezamina l-kwestjoni jekk il-klawsola de quo fil-kuntratt ta' impieg hix regolari jew jekk ghandhix tigi konsidrata li tmur kontra l-"public policy." In effett dan kien wiehed mill-aggravji sollevat mir-ritrattat fl-appell in kwstjoni. Hawnhekk skond ir-ritrattat il-klawsola in kwestjoni rrestringiet l-impjieg tieghu u dan wara li l-impieg mad-ditta ritrattandi gie terminat stante li hu gie assoggettat ghal hlas ta' penali u dan kollu meta l-imsemmija imposizzjoni ma kienitx giet minn qabel approvata mid-Direttur tax-Xoghol skond dak li hu provdut fl-istess artikolu 19 tal-Kap.452.

Il-Qorti rriteniet, u dan wara li saret ukoll referenza ghal gurisprudenza, li klawsola, bhal dik in kwestjoni, trid tigi sanzjonata mid-Direttur tax-Xoghol sabiex tkun effettiva ghal partijiet li jkunu ikkuntrattaw l-istess klawsola. Skond il-Qorti r-raguni ghal dan hi li ma jistghux jigu imposti kondizzjonijiet li huma inqas favorevoli ghall-impjegat jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol. Konsegwentement jekk ma jkunx hemm tali awtorizzazzjoni l-klawzola ghandha tigi ritenuta li hi nulla u bla effett. In vista ta dan kollu l-Qorti rriteniet li la darba l-klawsola in kwestjoni hi konsidrata li hi inkluza fil-parametri tal-imsemmi artikolu 19, konsegwentement kienet necessarja l-approvazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol sabiex l-istess klawsola setghet tigi applikata. Peress li mill-proceduri ma rrizultax lill-Qorti li kien hemm l-imsemmija approvazzjoni, kwindi l-istess klawsola ma

setgetx ikollha effett bejn il-partijiet. Fuq dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ghaddiet biex laqghet l-appell tar-ritrattat u b'hekk cahdet it-talba originali tar-ritrattandi.

Kontra dawn ir-ragunamenti u konkluzjonijiet ir-ritrattandi jissottomettu li l-imsemmi artikolu 19 mhux aplikabbli ghall-klawsola in kwestjoni stante li l-istess klawsola ma tittrattax dwar "multi" izda tittratta dwar danni likwidati li gew effettivament miftiehma u likwidati minn qabel. Inoltre r-ritrattandi jargumentaw li fil-kaz in ezami ma gie dedott xejn mis-salarju tar-ritrattat u kwindi anke minhabba dan il-fatt l-imsemmi artikolu 19 mhux appikabbli.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatti kif elenkati aktar il-fuq f'din is-sentenza. In effett il-kontestazzjoni tar-ritrattandi tirigwarda biss l-ahhar frazi tal-klawsola in kwstjoni u l-interpreazzjoni taghha. Din l-ahhar frazi tghid "in such case the parties agree that the Employees will pay the Firm by way of agreed damages the sum of two thousand Maltese Liri (Lm2000)."

Issa l-imsemmi artikolu 19 jitkellem dwar meta l-kuntratt tal-impieg bil-miktub jispeċifika "bir-reqqa l-multa jew multi" li impjegat jista jinkorri ghal xi ghemil jew ommissjoni. L-istess artikolu jistipula li tali klawsola trid tigi approvata mid-Direttur tax-Xoghol sabiex l-istess klawsola tkun effettiva bejn il-firmatarji.

Ghal din il-Qorti l-klawsola in kwestjoni ma tipprovdix "bir-reqqa" ghal "multa jew multi." Il-frasi "bir-reqqa" timplika li l-klawsola in kwestjoni ghandha tiddisponi dwar varji tipi ta' ghemil jew ommissjonijiet u tipprovdi ghal kull tip ta' ghemil jew ommissjoni, l-ammont tal-multa li ghandha tigi imposta. Dan mhux il-kaz tal-klawsola in kwestjoni li tipprovdi ghal hlas ta' ammont miftiehem minn qabel mill-partijiet f'kaz li r-ritrattat (l-impjegat) jimpjega ruhu ma klijent tar-ritrattandi wara li jkun gie terminat l-impjeg, fi zmien stipulat minn tali terminazjoni. Ghalhekk ma jidhirx li l-klawsola in kwestjoni tinkwadra ruhha fil-provedimenti tal-imsemmi artikolu 19. Inoltre hi l-opinjoni ta' din il-Qorti li danni likwidati u miftiehma minn qabel m'ghandhomx

jigu ekwiparati ma "multi" li huma imsemmija fl-artikolu tal-ligi in kwestjoni.

Fil-kaz in ezami l-klawsola in kwestkoni tirreferi biss ghal "ghemil" wiehed cioe' jekk wara t-terminazzjoni tal-impjeg fi zmien determinat, r-ritrattat jimpjega ruhu ma klijenti tar-ritrattandi u tipprevedi l-hlas ta'ammont gia miftiehem bhala danni likwidati. Tali klawsola ma tistax titqies li b'xi mod tillimita lir-ritrattat fil-professjoni jew negozju tieghu. Din il-kondizzjoni, li giet accettata mill-impjegat (ritrattat), m'ghandhiex tigi kategorizzata bhala "inqas" jew "aktar" favorevoli ghal impjegat. Barra minn hekk is-sanzjoni preveduta bil-klawsola in kwestjoni lanqas ma ghandha titqies li hi "multa" ai termini tal-artikolu 19 tal-Kap.452. Jirrizulta ghalhekk li l-istess artikolu 19 ma kellux jigu applikat ghal kaz in ezami u kwindi, fis-sentenza lamentata, l-ligi giet applikata hazin. Inoltre japplika hawnhekk il-principju bazilari tal-"pacta sunt servanda" u cioe' dak li jigi pattwit jorbot lill-partijiet.

Ghandu zball ir-ritrattat meta jissottometti, fir-risposta tieghu, li din il-Qorti (diversament presjeduta) interpretat l-imsemmi artikolu 19. Kif gia rilevat fis-sentenza lamentata giet applikata hazin il-ligi stante li l-imsemmi artikolu mhux applikabbli ghall-kaz in ezami. Din il-Qorti wasslet ghall-kokluzjonijiet taghha, fil-presenti sentenza, minghajr ma ezaminat mill-gdid il-fatti u minnghajr ma vvalutat jew interpretat il-fatti b'mod differenti minn kif gew valutati minn din l-istess Qorti diversament presjeduta. Ghal din il-Qorti hu evidenti li d-disposizzjoni tal-ligi in kwestjoni giet applikata hazin fis-sentenza lamentata u dan ukoll skond il-fatti kif irrizultaw lil dik l-istess Qorti.

In vista ta' dak li gie premess is-sentenza lamentata timmerita li tigi mhassra u annullata u konsegwentement l-appell ghandu jerga jigi trattat. Kwindi t-talba tar-ritrattandi kif ibbazata fuq dak li hu provdut fis-sub-artikolu (e) tal-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 jisthoqqilha li tigi akkolta.

Is-sentenza lamentata cioe' dik ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) li giet deciza fid-29 ta' Marzu, 2012 fl-ismijiet premessi ghandha tigi mhassra u l-appell

relattiv ghandu jigi ritrattat u dan a tenur tas-subinicizi (e) tal-artikolu 811 tral-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Una volta li qed jigi deciz li t-talba tar-ritrattandi kif ibbazata fuq is-subartikoli (e) tal-Artikolu 811 tal-Kodici tal-Procedura Civili, ghandha tigi akkolta, mhux il-kaz li tigi esaminata l-istess talba kif ibbazat fuq is-sub-artikoli l-ohra tal-istess artikoli u cioe' kif ibbazata fuq is-sub-artikoli (g) u (i). M'ghandhomx jirrizultaw l-estremi tat-tlett sub-artikoli invokati mir-ritrattandi u hu bizzejjed li jirrizultaw l-estremi ta wiehed mis-sub-artikoli invokati. It-talba tar-ritrattandi qed tigi akkolta peress li jirrizulta li fis-sentenza lamentata giet applikata hazin il-ligi.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha kif kontenuti fir-risposta tar-ritrattat u billi fit-tieni lok tilqa t-talba tar-ritrattandi kif imsejsa fuq il-provedimenti tas-sub-artikolu (e) tal-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u thassar u tirrevoka s-sentenza ta' din l-Qorti (diversament presjeduta) fil-kawza fl-istess ismijiet premessi tad-29 ta' Marzu 2012. Tordna li l-appell relattiv jigi ritrattat u kwindi tappunta l-appell in kwestjoni ghar-ritrattazzjoni ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2013 fid-9.00 am. Tordna n-notifiki skond il-ligi.

In vista ta' cirkostanzi specjali l-ispejjez relattivi ghat-talba ta' ritrattazzjoni jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------